DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1574

tat-28 ta' Ottubru 2020

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/450 fir-rigward tal-pubblikazzjoni tar-referenzi tad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni għal kits għall-waterproofing, ETICs, ġonot għall-pontijiet tat-toroq, kits għall-bini tal-injam, prodotti ritardanti tan-nar u prodotti għall-bini oħra

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kundizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 22 tiegħu,

Billi:

(1) F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 305/2011, il-Korpi tal-Valutazzjoni Teknika jridu jużaw il-metodi u l-kriterji pprovduti fid-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni, li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għall-valutazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-bini koperti minn dawk id-dokumenti b'rabta mal-karatteristiki essenzjali tagħhom.

(2) F'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 305/2011, wara diversi talbiet mill-manifatturi għal Valutazzjonijiet Tekniċi Ewropej, l-organizzazzjoni tal-Korpi tal-Valutazzjoni Teknika (korpi VT) fasslet u adottat 25 Dokument Ewropew ta' Valutazzjoni.

(3) Id-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni li ġew imfassla u adottati mill-Korpi tal-Valutazzjoni Teknika huma relatati mal-prodotti għall-bini li ġejjin:

— kisi bl-isprej akustiku bbażat fuq legant organiku bbażat fuq l-ilma;

— kits għall-waterproofing tas-soqfa applikati bħala likwidu;

— kits ta' kopertura impermeabbli applikati bħala likwidu għall-art u/jew il-ħitan ta' wetrooms;

— folji flessibbli applikati minn qabel għall-waterproofing, kompletament inkollati;

— kits ta' kopertura impermeabbli, abbażi ta' folji flessibbli, għall-art u/jew il-ħitan ta' wetrooms;

— kits ta' kopertura impermeabbli, abbażi ta' bords impermeabbli, għall-art u/jew il-ħitan ta' wetrooms;

— sistemi tal-iżolament termali esterni b'materjali kompożiti (ETICS), b'kisi;

— bord tal-iżolament termali magħmula minn fowm tal-poliuretan riġidu ppressat;

— kits ta' rivestiment — unitajiet prefabbrikati għall-iżolament estern tal-ħitan u l-apparat għat-twaħħil tagħhom;

— kavilji għal ġonot strutturali taħt tagħbija statika u kważi statika;

— ġonot tal-espanjoni "plug" flessibbli tal-asfalt għall-pontijiet tat-toroq;

— ġonot tal-espansjoni "nosing" għall-pontijiet tat-toroq;

— ġonot tal-espansjoni "mat" għall-pontijiet tat-toroq;

— ġonot tal-espansjoni "cantilever" għall-pontijiet tat-toroq;

— ġonot tal-espansjoni appoġġati għall-pontijiet tat-toroq;

— ġonot tal-espansjoni modulari għall-pontijiet tat-toroq;

([1]) ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5.

— pannelli li jieħdu t-tagħbija bbażati fuq injam prefabbrikat b'rinvestiment rinforzat;

— elementi tal-bini tal-ġebel magħmulin mit-tafal irriċiklat;

— karbonat tal-kalċju fin bħala addittiv attiv b'funzjoni ta' legant katalitiku għall-konkos;

— elementi ta' fissaġġ marbutin għall-użu fil-konkos;

— ankraġġ injettat għall-bords tal-iżolament termali;

— elementi ta' fissaġġ għal "push-pull props" għal elementi prefabbrikati ta' ħitan/kolonni;

— kits għall-bini tal-injam;

— Sistemi CRM (Compost Reinforced Mortar) għar-rinforz ta' strutturi tal-konkos u tal-ġebel;

— prodotti ritardanti tan-nar.

(4) Id-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni mfassla u adottati mill-organizzazzjoni tal-Korpi tal-Valutazzjoni Teknika jissodisfaw it-talbiet li jridu jiġu ssodisfati fir-rigward tar-rekwiżiti bażiċi għax-xogħlijiet tal-bini stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 305/2011. Għalhekk, huwa xieraq li r-referenzi ta' dawk id-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(5) Il-lista tar-referenzi tad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni ġiet ippubblikata bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/450 ([2]). Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li r-referenzi ta' Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni ġodda jiżdiedu ma' dik il-lista.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/450 tiġi emendata skont dan.

(7) Sabiex jiġi ffaċilitat l-użu tad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni minn kmieni kemm jista' jkun, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/450 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Ottubru 2020.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/450 tad-19 ta' Marzu 2019 dwar il-pubblikazzjoni tad-Dokumenti Ewropej ta' Valutazzjoni (EADs) għall-prodotti tal-bini abbozzati b'appoġġ tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 77, 20.3.2019, p. 78).

ANNESS

Fl-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/450, ir-ringieli li ġejjin jiddaħħlu f'ordni sekwenzjali skont l-ordni tan-numri ta' referenza:

"030219-00-0501	Kisi bl-isprej akustiku bbażat fuq legant organiku bbażat fuq l-ilma
030350-00-0402	Kits għall-waterproofing tas-soqfa applikati bħala likwidu (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'ETAG 005')
030352-00-0503	Kits ta' kopertura impermeabbli applikati bħala likwidu għall-art u/jew il-ħitan ta' wetrooms (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'ETAG 022-1')
030378-00-0605	Folji flessibbli applikati minn qabel għall-waterproofing, kompletament inkollati
030436-00-0503	Folji flessibbli applikati minn qabel għall-waterproofing, kompletament inkollati (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'ETAG 022-2')
030437-00-0503	Kits ta' kopertura impermeabbli, abbażi ta' bords impermeabbli, għall-art u/jew il-ħitan ta' wetrooms (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'ETAG 022-3')
040083-00-0404	Sistemi tal-Iżolament Termali Esterni b'Materjali Kompożiti (ETICS), b'kisi (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'ETAG 004')
040419-00-1201	Bord tal-iżolament termali magħmula minn fowm tal-poliuretan riġidu ppressat
040914-00-0404	Kits ta' rivestiment — unitajiet prefabbrikati għall-iżolament estern tal-ħitan u l-apparat għat-twaħħil tagħhom (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'ETAG 017')
050019-00-0601	Kavilji għal ġonot strutturali taħt tagħbija statika u kważi statika (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'ETAG 030')
120093-00-0107	Ġonot tal-espanjoni 'plug' flessibbli tal-asfalt għall-pontijiet tat-toroq (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'ETAG 032-3')
120109-00-0107	Ġonot tal-espansjoni 'nosing' għall-pontijiet tat-toroq (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'ETAG 032-4')
120110-00-0107	Ġonot tal-espansjoni 'mat' għall-pontijiet tat-toroq (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'ETAG 032-5')
120111-00-0107	Ġonot tal-espansjoni 'cantilever' għall-pontijiet tat-toroq (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'ETAG 032-6')
120112-00-0107	Ġonot tal-espansjoni appoġġati għall-pontijiet tat-toroq (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'ETAG 032-7')
120113-00-0107	Ġonot tal-espansjoni modulari għall-pontijiet tat-toroq (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'ETAG 032-8')
140022-00-0304	Pannelli li jieħdu t-tagħbija bbażati fuq injam prefabbrikat b'rinvestiment rinforzat (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'ETAG 019')
170005-00-0305	Elementi tal-bini tal-ġebel magħmulin mit-tafal irriċiklat
260020-00-0301	Karbonat tal-kalċju fin bħala addittiv attiv b'funzjoni ta' legant katalitiku għall-konkos
330499-01-0601	Elementi ta' fissaġġ marbutin għall-użu fil-konkos (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'ETAG 001-5' u EAD 330499-00-0601)
331433-00-0601	Ankraġġ injettat għall-bords tal-iżolament termali

332277-00-0601	Elementi ta' fissaġġ għal 'push-pull props' għal elementi prefabbrikati ta' ħitan/kolonni
340308-00-0203	Kits għall-bini tal-injam (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'ETAG 007')
340392-00-0104	Sistemi CRM (Compost Reinforced Mortar) għar-rinforz ta' strutturi tal-konkos u tal-ġebel
350865-00-1106	Prodotti ritardanti tan-nar. (tissostitwixxi l-ispeċifikazzjoni teknika 'ETAG 028')"